



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 4.9.2012
COM(2012) 469 final

2012/0230 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-Programmi Ewropej ta' Navigazzjoni bis-Satellita

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Minħabba raġunijiet teknoloġiċi, ġeografiki u finanzjarji l-Isvizzera għandha rwol importanti fil-programmi Ewropej tal-GNSS (Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita). L-Isvizzera tipprovdha teknoloġija kruċjali lill-programm Galileo. Dan il-Ftehim għandu l-għan li jistabbilixxi l-prinċipji ta' kooperazzjoni b'mod ġenerali u d-drittijiet u l-obbligi tal-Isvizzera f'oqsma bħal pereżempju s-sigurtà u l-kontroll tal-esportazzjoni. Il-ftehim ġie nnegozjat fuq il-bażi tad-direttivi tan-negozjati adottati mill-Kunsill fid-29 ta' Ġunju 2010.

L-Artikoli 4(5) u 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo) jagħmluha possibbli għall-pajjiżi terzi li jipprovdu finanzjament addizzjonali lill-programmi Ewropej tal-GNSS skont il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti fi Ftehimiet skont l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-Ftehim huwa limitat għal suġġetti li huma meħtieġa sabiex jippermettu l-kooperazzjoni mill-qrib mal-Isvizzera. Il-kostruzzjoni u t-tmexxija ta' Galileo u EGNOS bħala programmi mifruxa mal-UE kollha jenfasizzaw il-ħtieġa għal approċċi komuni u metodi ta' ħidma bejn l-Istati Membri kollha u xi pajjiżi terzi bħal pereżempju n-Norveġja u l-Isvizzera. Jeħtieġ li r-regoli għal dawn is-suġġetti jiġu stabbiliti mill-gvernijiet u infurzati b'mod koerenti mal-Ewropa kollha. Jeħtieġ li l-Kummissjoni bħala amministratur tal-programm li taġixxi f'isem l-Unjoni, sid is-sistema, tiegħu l-miżuri raġonevoli kollha biex iddaħħal din il-koerenza. Jekk dan ma jsirx jistgħu jiżdiedu r-riskji relatati mas-sigurtà.

1.2. Il-Kuntest Ġenerali

L-Isvizzera ilha wieħed mill-pajjiżi terzi msieħba ta' kooperazzjoni l-aktar qrib tal-Unjoni fil-programm Galileo sa mill-fażijiet bikrija tal-programm. Matul is-snin, l-Isvizzera tat kontribut politiku, tekniku u finanzjarju għall-fażijiet kollha tal-programm Galileo permezz tas-sħubija tagħha fl-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) u tal-parteċipazzjoni informali tagħha fl-istrutturi ta' governanza tal-UE speċifiċi għal Galileo. Dan il-Ftehim se jifformalizza u jsaħħaħ din l-integrazzjoni mill-qrib tal-Isvizzera fil-programmi Ewropej tal-GNSS. Mingħajr dan il-ftehim ikun hemm inċertezza dwar in-natura tal-kollaborazzjoni f'oqsma bħal pereżempju s-sigurtà, il-kontroll tal-esportazzjoni, l-istandardizzazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u l-ispettru tar-radju. Barra minn hekk, il-Ftehim jippermetti lill-UE li tistabbilixxi prinċipji ġenerali inklużi miżuri ta' salvagwardja fl-oqsma tas-sigurtà u l-kontroll tal-esportazzjoni.

1.3. Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Il-kooperazzjoni tal-Isvizzera f'Galileo se tiġi organizzata fil-Ftehim meħmuż biex tkopri l-kooperazzjoni inklużi l-prinċipji għall-kooperazzjoni futura u d-dispożizzjonijiet addizzjonali li jikkonċernaw il-kooperazzjoni fis-sigurtà, l-istandardizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni.

1.4. Il-konsistenza mal-politiki u l-għanijiet l-oħra tal-Unjoni

Il-proposta hija konformi mal-politika tal-integrazzjoni ta' ċerti pajjiżi terzi li huma Membri tal-ESA, u li għalhekk hađu sehem fil-programmi Galileo u EGNOS mill-bidu, fil-programmi Ewropej tal-GNSS. Barra minn hekk, hija tappoġġa l-għanijiet tal-Kummissjoni fit-tisħiħ l-aspett tal-Unjoni ta' kooperazzjoni f'politiki rilevanti għan-nonproliferazzjoni.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

2.1. Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Il-metodi ta' konsultazzjoni, setturi ewlenin fil-mira u profil ġenerali tal-parteċipanti

Il-Kumitat Speċjali tal-Kunsill, l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Isvizzera ġew ikkonsultati permezz ta' laqgħat bilaterali kemm fl-istadju tad-direttivi tan-negozjati u matul in-negozjati. Il-parteċipanti kienu jinkludu esperti tekniċi, tas-sigurtà u tat-trasport tal-Istati Membri u l-awtoritajiet Svizzeri, il-Ministeri tal-Affarijiet Barranin, tad-Difiża u l-Intern, l-ESA u l-aġenziji nazzjonali spazjali.

Sommarju tat-tweġibiet u ta' kif ġew meqjusa

Dawn il-partijiet interessati appoġġaw l-intergrazzjoni mill-qrib tal-Isvizzera fil-kooperazzjoni fil-kwistjonijiet rigward il-programmi Ewropej tal-GNSS u enfasizzaw l-importanza li kwistjonijiet bħal pereżempju s-sigurtà u l-kontroll tal-esportazzjoni jiġu inklużi fil-Ftehim.

2.2. Il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert

Id-dominji xjentifiċi/tal-għarfien espert ikkonċernati

It-teknoloġija spazjali/ il-faċilitajiet ta' fuq l-art, is-Sigurtà/ is-Sigurtà Industrijali u governattiva, is-sigurtà tal-informazzjoni u l-liġi internazzjonali/ il-privileġġi u l-immunitajiet

Il-metodoloġija użata

Laqgħat u skambju ta' informazzjoni

L-organizzazzjonijiet/l-esperti ewlenin ikkonsultati

Il-ministri u l-aġenziji spazjali tal-Istati Membri tal-UE, l-ESA, l-industrija spazjali

Sommarju tal-pariri mogħtija u użati

Ma ssemmietx l-eżistenza ta' riskji potenzjalment serji b'konsegwenzi irreversibbli.

Kien hemm kunsens wiesa' dwar il-prinċipji ta' kooperazzjoni previsti fil-Ftehim u dwar l-għan li l-Isvizzera tiġi integrata mill-qrib fil-programm inklużi d-drittijiet u l-obbligi korrispondenti.

Il-mezzi użati biex il-parir tal-esperti jkun disponibbli għall-pubbliku

Il-konklużjonijiet tal-esperti mhumiex disponibbli pubblikament.

2.3. Il-valutazzjoni tal-impatt

L-azzjoni għandha l-iskop li tiżgura involviment mill-qrib tal-Isvizzera fil-fażijiet ta' kostruzzjoni u operat tal-programmi Galileo u EGNOS. Dawn iż-żewġ inizjattivi fihom komponenti sinifikanti industrijali, ekonomiċi u strateġiċi. Il-governanza tal-programmi Ewropej tal-GNSS għaddiet minn riforma fir-Regolament (KE) Nru 683/2008 fejn l-attenzjoni mxiet minn fuq Sħubija Pubblika-Privata għal fuq programmi li huma ġestiti mill-Unjoni u sistemi li huma proprjetà tagħha. Din l-evoluzzjoni u l-kontenut tal-kooperazzjoni ma' implikazzjonijiet ta' sigurtà jeħtieġu miżuri formali u regolatorji. Konsegwentament, tqiesu tliet għażliet sabiex jinkiseb dan l-għan.

L-ewwel waħda kienet assoċjazzjoni tal-Isvizzera mal-programm permezz ta' korp speċifiku ta' kooperazzjoni internazzjonali (il-Bord Internazzjonali ta' Galileo) li jiġbor il-pajjiżi terzi kollha interessati fil-programm Galileo. Wara diskussjonijiet twal dwar dan il-korp mal-Isvizzera u pajjiżi terzi oħra, bħan-Norveġja, l-għażla ġiet abbandunata. L-Isvizzera ħasset li mhux ġust li tiġi ttrattata bħal pajjiżi terzi mhux Ewropej li huma inqas integrati b'mod konsiderevoli u li ma jaqgħux kontribuzzjoni finanzjarja lill-programm.

It-tieni għażla kienet il-konklużjoni tal-Ftehim meħmuż. Din ippermettiet prattikament li jiġu rinfurzati d-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà u l-kontroll tal-esportazzjoni u li jiġu provduti prinċipji u messaġġi li jifihom t-triq għal relazzjoni kooperattiva fuq żmien twil li tkun ta' benefiċċju b'mod reċiproku, u biex jinkiseb finanzjament addizzjonali.

It-tielet għażla kienet tkun li ma tittieħed l-ebda azzjoni. Din kienet twassal għal relazzjonijiet inċerti fil-qasam tal-GNSS mal-Isvizzera.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

3.1. Sommarju tal-azzjoni proposta

Il-Kummissjoni tipproponi lill-Kunsill li jiġu awtorizzati l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar il-Programmi Ewropej ta' Navigazzjoni bis-Satellita bejn l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-Isvizzera. L-applikazzjoni provviżorja għall-elementi tal-Ftehim li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-UE hija miżura neċessarja biex titħaffef l-applikazzjoni tal-Ftehim u biex tasal il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-programmi mill-Isvizzera.

3.2. Il-bażi legali

L-Artikolu 172 flimkien mal-Artikolu 218(5) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

3.3. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jinkisbu f'mod suffiċjenti mill-Istati Membri għar-raġunijiet li ġejjin.

Il-programm Galileo, li l-ispejjeż tiegħu huma stmati għal bosta biljuni ta' Euro, huwa inizjattiva Ewropea li l-ebda stat mhu lest li jiffinanzja waħdu. Il-kontenut tal-Ftehim propost ma jistax jiġi limitat għal Stat Membru wieħed jew għal grupp ta' Stati Membri iżda jaffettwa

l-Unjoni kollha kemm hi u f'xi aspetti jħalli impatt ukoll mad-dinja kollha.

L-għarfien industrijali u tekniku fis-settur spazjali huwa mifruq fuq bosta pajjiżi Ewropej, inkluża l-Isvizzera, u l-ebda stat ma għandu l-kapaċità li jgħib padrunanza fuq l-għarfien kollu. Mingħajr sforz koordinat u skambju ta' informazzjoni, ir-riskji ta' qbil mal-Isvizzera fuq soluzzjonijiet subottimali jiżdiedu. Żbalji fil-qasam tas-sigurtà jistgħu jikkompromettu s-sigurtà tal-provvista ta' komponenti li jkunu kontrollati fl-esportazzjoni lill-programmi Ewropej tal-GNSS. Dan iżid ferm l-ispejjeż tal-programmi.

Barra hekk, id-daqs u l-kumplessità tal-programmi Ewropej tal-GNSS jeħtieġu strutturi ta' ġestjoni ċentralizzati u sempliċi u interfaċċji ċari bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi. Network kbir ta' relazzjonijiet bilaterali mal-Isvizzera għandu jgħib riskju għoli ta' ineffiċjenzi, dewmien u kontradizzjonijiet li fi proġett industrijali jissarf malajr fi spejjeż oġhla li jkollhom jitħallsu mill-baġit tal-Unjoni. Ukoll, l-Istati Membri li qed jaġixxu individwalment jistgħu jkollhom possibbiltajiet iżgħar li jimponu prinċipji u kundizzjonalità fuq l-Isvizzera milli jistgħu jiksbu permezz tal-kooperazzjoni.

Dan il-Ftehim huwa limitat għall-prinċipji u l-impenni komuni ta' kooperazzjoni u għall-kwistjonijiet speċifiċi li huma parti mill-programmi Ewropej tal-GNSS li huma proprjetà tal-Unjoni. Il-Ftehim jiddependi fuq il-kapaċitajiet eżistenti tal-Istati Membri (pereżempju fil-kontroll tal-esportazzjoni, l-iskambju ta' informazzjoni sensittiva) fl-implimentazzjoni tal-biċċa l-kbira tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

3.4. Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

Il-Ftehim huwa strument tradizzjonali magħruf sew fir-relazzjonijiet internazzjonali, definit f'kollaborazzjoni ma' gruppi ta' ħidma esperta eżistenti u li għandu jiġi approvat mill-istrutturi tat-teħid tad-deċizzjonijiet eżistenti. Ma jistabbilixxi strutturi amministrattivi ġodda.

3.5. L-għażla tal-istrumenti

Ftehim internazzjonali huwa l-unika strument li jiżgura koerenza mal-Unjoni kollha fir-relazzjonijiet mal-Isvizzera fin-navigazzjoni bis-satellita. L-uniformità fl-applikazzjoni hija partikolarment importanti fis-sigurtà li hija parti ewlenija mill-Ftehim. Fl-istess ħin, il-Ftehim jippermetti flessibbiltà fil-miżuri ta' implimentazzjoni partikolarment fil-qasam tal-istandardizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni fejn l-Istati Membri huma l-parteċipanti prinċipali fl-organizzazzjonijiet internazzjonali. It-Trattati ma jipprovdux għażliet vijabbli oħra li jirregolaw ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi.

4. L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta għandha biss implikazzjoni pożittiva għall-baġit tal-Unjoni. L-Isvizzera se tiegħu sehem finanzjarjament fil-programmi Ewropej tal-GNSS billi ssegwi l-istess metodu bħal dak tal-parteċipazzjoni Svizzera fis-Seba' Programm Qafas tal-UE dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku (FP7). Il-kontribuzzjoni tal-Isvizzera għandha tiġi kkalkulata fuq il-bażi tal-fattur tal-proporzjonalità li jinkiseb billi jiġi stabbilit il-proporzjon bejn il-prodott domestiku gross tal-Isvizzera, bi prezzijiet tas-suq, u s-somma tal-prodotti domestiċi grossi, bi prezzijiet tas-suq, tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

5. ELEMENTI FAKULTATTIVI

Il-proposta tinkludi klawżola ta' reviżjoni.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-Programmi Ewropej ta' Navigazzjoni bis-Satellita

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 172 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tad-29 ta' Ġunju 2010, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tibda n-negozjati mal-Isvizzera għall-istabbiliment ta' ftehim ta' kooperazzjoni dwar in-navigazzjoni bis-satellita.
- (2) Dan il-ftehim ta' kooperazzjoni jippermetti l-parteċipazzjoni tal-Isvizzera fil-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita. Biex tpatti għal dan, l-Isvizzera se tikkontribwixxi finanzjarjament fil-programmi.
- (3) In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim fi [xx 2012].
- (4) Għalhekk, il-Ftehim għandu jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni Ewropea, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (5) Bil-ħsieb li tiġi żgurata l-implimentazzjoni immedjata u l-parteċipazzjoni Svizzera xierqa fil-programmi, l-elementi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu applikati b'mod provviżorju skont l-Artikolu 27(2) tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar in-Navigazzjoni bis-Satellita bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Isvizzera hija permezz ta' dan approvata f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim inkwistjoni.

It-test tal-Ftehim jinsab mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrument ta' setgħat sħaħ biex jiġi ffirmat il-Ftehim, soġġett għall-konklużjoni tiegħu, għall-persuna (persuni) indikata/indikati min-negozjatur tal-Ftehim.

Artikolu 3

Il-Ftehim se jiġi applikat fuq bażi provviżorja, skont l-Artikolu 27(2) tal-Ftehim, sakemm jiġu kkompletati l-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea biex tgħarraf lill-partijiet interessati dwar id-data tal-applikazzjoni provviżorja ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI LI
GĦANDHOM IMPATT BAĠITARJU ESKLUSSIVAMENT LIMITAT GĦAD-DĦUL**

1. ISEM IL-PROPOSTA:

FTEHIM TA' KOOPERAZZJONI BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA, MINN NAĦA, U L-KONFEDERAZZJONI SVIZZERA, MIN-NAĦA L-OĦRA, DWAR IL-PROGRAMMI EWROPEJ TA' NAVIGAZZJONI BIS-SATELLITA.

2. LINJI BAĠITARJI:

Kapitolu: 66

Artikolu: 660

Partita: 6600

Ammont ibbaġitjat għas-sena konċernata: p.m.

3. IMPATT FINANZJARJU

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt fuq in-nefqa, imma għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul - l-effett huwa kif ġej:

(f'EUR)

Linja baġitarja	Dħul	Perjodu ta' 12-il xahar li jibda mill-	2012
Artikolu 660; Partita 6600	Kontribuzzjonijiet u restituzzjonijiet oħra assenjati — Dħul assenjat	01/01/2012	20 000 000

Is-sitwazzjoni wara l-azzjoni					
	2013	2014	2015	2016	...
Artikolu 660; Partita 6600	40 000 000	20 050 870	Għandu jiġi kkalkulat aktar tard	Għandu jiġi kkalkulat aktar tard	Għandu jiġi kkalkulat aktar tard

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

5. RIMARKI OĦRA

- (a) Dan il-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar il-GNSS bejn l-UE u l-Isvizzera huwa ta' tul ta' żmien indefinit. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Isvizzera għall-Programmi

Ewropej ta' Navigazzjoni bis-Satellita għall-perjodu mill-2008 sal-2013 tammonta għal EUR 60 000 000 u għall-2014 tammonta għal EUR 20 050 870.

- (b) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Isvizzera se tiġi kkalkulata fuq il-fattur tal-proporzjonalità spjegat fl-Artikolu 18 tal-Ftehim. Għall-perjodu mill-2008 sal-2013 dan il-fattur tal-proporzjonalità huwa applikat fuq l-ammont ta' EUR 3 005 miljun. Mill-2014 'il quddiem se jiġi applikat l-istess fattur tal-proporzjonalità fuq l-appropriazzjonijiet baġitarji annwali tal-Programmi Ewropej ta' Navigazzjoni bis-Satellita.

DIKJARAZZJONI tal-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni tfakkar li l-għan ġenerali tal-politika tagħha huwa li tinnegozja ftehimiet validi għall-Unjoni biss fejn xieraq.
